MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 883/1997/1

Anthony Spiteri
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, r-rikorrent sofra ingustizzja billi gie "down graded" u aktar billi gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:
Ir-rikorrent kien dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1979. Ghall-habta tal-1981, huwa kien gie sekondat ghal mal-Kalaxlokk Construction Company Ltd.

Illi ghall-habta tal-1982, wara li kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet biex jimtlew vakanzi fil-grad ta' Works Technical Officer, ir-rikorrent kien applika u fil-fatt gie promoss ghal dan il-grad.

Illi appena nbidel il-Gvern fl-1987, sewwa sew fit-13 ta' Mejju 1987, ir-rikorrent kien gie avzat illi huwa kien gie "down graded" ghall-Grupp C.

Illi fl-istess zmien, ir-rikorrent kien beda jinghata transfers minn post tax-xoghol ghall-iehor, minghajr ebda raguni. F'okkazzjoni minnhom, ir-rikorrent kien gie trasferit ghal erba' postijiet differenti ta' xoghol f'jumejn.

Illi r-rikorrent kien ipprotesta mas-superjuri tieghu dwar dan it-trattament hazin u inuman li kien qed jircievi, pero` baqa ma nghata ebda spjegazzjoni valida. Huwa kien kellem ukoll lill-allura Ministru Michael Falzon dwar il-kaz tieghu u dan kien qallu li kellu jbati l-konsegwenzi minghajr ma specifika x'kienu. Zgur illi r-rikorrent kien baqa' minghajr spjegazzjoni ghad-down grading u t-traferimenti li sofra.

Illi minkejja li r-rikorrent kien gie down graded ghal Grupp C, huwa xorta kien gie inkarigat minn diversi xogholijiet li normalment isiru minn persuni fil-grad ta' Works Technical Officer. Fost xogholijiet ohra r-rikorrent kien hadem fuq progetti bhall-ground tal-Furjana kif ukoll fuq ix-xoghol tar-restawr li kien sar f'Dar il-Mediterran, wara l-hsara kkagguna min-nirien fl-istess centru tal-konferenzi.

Illi madankollu, minkejja li r-rikorrent wera bic-car li kompla jahdem bl-akbar responsabbilita` u efficenzja ghalkemm kien qed jigi trattat ingustament, huwa xorta kompla jsofri minn numru ta' transfers.

Illi r-rikorrent hass li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex huwa jigi downgraded u nghata numru ta' transfers, anzi r-rikorrent sostna li dan kien gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzji li sofra, apparti t-tbatija morali, ir-rikorrent kien sofra telf finanzjarju konsistenti fid-differenza ta' paga relattiva ghall-grad ta' Works Technical Officer. Barra minn hekk, il-fatt li kien gie down graded kellu konsegwenzi negattivi fuq il-karriera tar-rikorrent, peress illi kien tilef is-seniority tieghu u b'hekk tilef ukoll l-opportunita` li javvanza aktar ghal grad oghla.

Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII ta' l-1997, ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, kien garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li kienet saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha kien garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi, biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien se jressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u s-sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrent billi: (1) jerga' jigi re-instated fil-grad ta' Works Technical Officer b'effett retroattiv mit-13 ta' Mejju 1987 (2) jithallas l-arretrati ta' paga, overtime u allowances li tilef b'rizultat tal-ingustizzja li sofra; (3) jinghata kumpens ghat-tbatija morali li sofra b'konsegwenza tal-ingustizzji indikati fir-rikors.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000, jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent kien gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu kien lahaq il-grad ta' Wall Builder fid-9 ta' Jannar 1981. Permess tar-Riforma li kienet giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent kien gie assimilat bhala Operative fi Skala 17.

Illi fil-pejodu indikat cioe` 1982, id-Dipartiment ma kien hareg l-ebda sejha ghall-grad ta' Works Technical Officer.

Illi kieku kien hemm sejha, ir-rikorrent xorta wahda ma kienx ikun eligibbli biex japplika minhabba l-grad li kien u ghadu jokkupa huwa fi Grupp C.

Illi r-rikorrent qatt ma kien inhatar bhala Works Technical Officer u ghaldaqstant qatt ma sofra xi forma ta' downgrading kif allegat.

Illi skond id-dokumenti li jippossjedi d-Dipartiment ir-rikorrent kien gie trasferit kif segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Kalaxlokk | Projects | 30/11/87 |
| Projects | Precasting | 31/10/88 |
| Precasting | District 5 | 08/02/90 |
| District 5 | Estates | 10/10/94 |

Illi t-trasferimenti msemmija ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza indebita lir-rikorrent u ma kienux il-frott ta' agir oppressiv, izda kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati pubblici.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit u fih semma li dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1979. Fl-1981 kien sekondat mal-Kalaxlokk Construction Company Limited. Meta nbidel il-Gvern fl-1987 kien gie downgraded ghal Group C. Hu talab li jinghata raguni ghal dan izda baqa’ minghajr risposta. Kien kellem lill-Ministru Michael Falzon li kien qallu li kellu jbati l-konsegwenzi u ma qallux ezatt x’ ried ifisser. Il-Ministru kien qallu biex jerga’ japplika ghall-promozzjoni ghal Works Technical Officer. Imbaghad beda jinghata transfer wara l-iehor fejn gie trasferit mill-Kalafrana ghall-Furjana (biex jaghmel xoghol fil-ground tal-football), wara ghal Dar il-Mediterran ghall-Konfrerenzi u wara ghal tlett ijiem biss ic-Cirkewwa u wara ghal Ghajn Tuffieha. Darba minnhom qala’ zewg transfers f’ gurnata wahda fejn l-ewwel spicca jahdem Hal-Qormi u mbaghad Haz-Zebbug. Spicca l-Precasting Kordin, wara l-Imtarfa, wara Hal-Luqa, wara regghu baghtuh Kordin ghall-Konkos. Gie trasferit ghal Haz-Zebbug u wara Haz-Zabbar, u wara l-Belt Valletta. Hu pprotesta mas-superjuri tieghu minhabba t-trattament hazin li kien qed jircievi u huwa baqa’ minghajr spjegazzjoni valida. Qal li ghalkemm gie downgraded ghall-grupp C xorta baqa’ inkarigat minn diversi xogholijiet li normalment isiru minn persuni fi grad ta’ Works Technical Officer. Minkejja dan kollu hu baqa’ jahdem bl-akbar responsabbilita` u efficjenza u hass li kien gie trattat hazin ingustament. Hu sofra tnaqqis fil-paga u tilef is-seniority.

In kontro ezami r-rikorrent qal li sar Works Technical Officer f’Kalafrana. Semma li fit-transfers li qala’ ghamel xoghol ta’ zebgha, tibjid u bankini. Kien jaghmel ukoll xoghol bil-gaffa. Meta kien Kalafrana kien isuq il-gaffa, il-krejn u anki jibdel u jiccomba l-wires. Meta ha l-grad ta’ WTO kien zdied fil-paga, xi Lm7, Lm8 fil-gimgha.

Xehed Angelo Zahra li jahdem il-garaxx tal-Gvern. Kien hemm xi haddiema li mid-Dipartiment tax-Xogholijiet gew seconded il-Kalaxlokk u hu u r-rikorrent kienu tnejn minnhom. Dawk il-haddiema li gew seconded kienu nghataw allowance. Ma kienx cert jekk ir-rikorrent kienx

applika ghal Works Technical Officer. Qal li fil-Kalaxlokk kienu jithallsu bi grad oghla li kellhom mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Qal li l-paga tar-rikorrent kienet tohrog mill-Kalaxlokk. Dawk li gew seconded kienu hadu l-allowance propju biex jigu ekwivalenti ghall-grad oghla mal-Kalaxlokk. Ir-records ta' dawk li gew seconded ikunu l-Kalaxlokk. Dwar ix-xoghol tar-rikorrent qal li dan kien tajjeb kemm meta kien mal-Gvern kif ukoll meta kien il-Kalaxlokk. Zied jghid li r-rikorrent kien junior tieghu u meta kien tahtu kien jahdem sew. Tkellem ukoll dwar il-procedura ghas-sejha tal-applikazzjoni ghal WTO.

Xehed Charles Kitcher li jahdem fil-Works Department. Meta kien Kalafrana Construction kien in charge mis-section fejn kien jahdem ir-rikorrent. Fil-bidu li kien hemm ix-xhud ix-xoghol kien isir min-nies tal-Public Works. Zied ighid li r-rikorrent gie seconded ukoll mal-Kalafrana Construction. Ir-rikorrent kien l-ewwel slinger professjonali li kellhom il-garaxx. Is-slingers l-ohra kienu kollha dilettanti. Ir-rikorrent kien ukoll rigger mghallem. Qal li x-xoghol kien tajjeb u kien isir b'mod professjonali. Zied ighid li ma kien hemm l-ebda complaint dwar ix-xoghol tar-rikorrent. Bl-allowance li kellu r-rikorrent kien ilahhaq il-paga ta' Works Technical Officer. Ir-rikorrent kien tradesman. L-iskala f'Kalafrana kienet l-istess bhal tal-Gvern izda d-differenza kienet fil-pagi.

Xehed Emanuel Cortis rapprezentant ta' l-intimat li qal li r-rikorrent dejjem kien wall builder mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Ma rrizultalux li r-rikorrent qatt gie promoss u allura qatt ma seta' jigi downgraded. Ipprezenta dokument li juri l-ammont ta' flus li tilef ir-rikorrent li kieku ha l-grad ta' WTO f'Jannar 1987. Ikkonferma l-kontenut tar-risposta tad-Dipartiment. Qal li ma jkunx hemm records dwar internal transfers. Dwar diversi trasferimenti li semma r-rikorrent qal li ma kellux records dwarhom u jista' jkun peress li dawn kienu kkunsidrati bhala internal transfers. Ix-xhud cahad li qatt kien in charge mill-personnel. Ma setax jiftakar okkazzjoni li fiha kien kellmu r-rikorrent. Zied ighid li kienu jircievu ordnijiet ghal transfers kemm fuq it-telephone kif ukoll bil-miktub. Qal li dawn l-ordnijiet kienu jigu jew mill-Ministeru jew minghand

id-Direttur. L-ordnijiet mill-Ministeru kienu jaslu wkoll bil-miktub imma ma jiftakarx min kien icempel jew jikteb.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien gie trasferit inizjalment minn mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghal mal-Kalaxlokk. Kawza ta' dan it-trasferiment ir-rikorrent zdiditlu l-allowance b' mod li lahaq il-paga ta' Works Technical Officer. Milli jidher ir-rikorrent fehem li dan iwassal ghal promozzjoni izda dan mhux minnu. Infatti r-rikorrent imkien ma pproduca letter of appointment ta' Works Technical Officer u mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-intimat dawn ikkonfermaw li f' ebda hin ma sar Works Technical Officer. Infatti mir-risposta jidher car li anqas biss harget ebda sejha ghall-applikazzjonijiet u li kieku stess ir-rikorrent anqas kien eligibbli. Ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li gie downgraded hija bla bazi u rigward dan l-aspett tal-ilment it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar it-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe` kwantita` kbira ta' trasferimenti dawn irrizultaw mill-provi prodotti mir-rikorrent u mhux kontestati mill-intimat fis-sens li a fol 5 tal-process fir-risposta ta' l-intimat hemm indikati it-trasferimenti tieghu fl-1988, fl-1990 u fl-1994. Inoltre x-xhud Cortis xehed li transfers interni ma jkunux registrati. Fil-fatt jirrizulta li n-numru ta' drabi li r-rikorrent gie trasferit kien qawwi. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-

esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Illi f’ dan il-kaz ma giet moghtija ebda spjegazzjoni ghaliex ir-rikorrent gie trasferit diversi drabi u taht dan l-aspett it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar trasferimenti gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf u hames mitt lira Maltin [LM1500].
Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------